# IR-REGĦBA

Kelb, fuq l-ilma ta' għadira
b'għadma f'ħalqu kien għaddej,
lemaħ oħra ġewwa l-ilma,
qal: "naħtafha; jkolli tnej."

Ħalqu fetaħ biex jaqbadha...
Ċaff...il-għadam għab fil-qiegħ
Tqanqal l-ilma, ix-xbieha tħassret;
Ħsieb is-serqa tar mar-riħ.

"Jaħraq din ir-regħba tiegħi",
qal il-kelb donnu miblugħ.
"Kelli għadma tiswa ċ-ċapep,
tliftha... u se'r norqod bil-ġuħ"

# IL-GĦORAB

Għorab, darba, seraq ġbejna
tar biha f'rokna kennija;
rah id-dib, qal: "nikolhielha
dit-tajra tħobb il-foħrija."

"Ja għasfur iswed bellusi,
int iżżejjen il-ħolqien,
jekk leħnek jixbaħ lil lbiesek,
bħalek, ma jinsabu mkien."

Għal da'l-kliem il-għorab ħela,
l-isbaħ għanja xtaq isib;
fetaħ ħalqu... l-ġbejna waqgħet
sewwa sewwa f'ħalq id-dib...

Min f'wiċċek jaqbad ifaħħrek
għid: "dan b'xejn żgur ma jibqax,
"għax tal-bħur irid jitħallas,
"fuq li tak irid l-imgħax."

T. Z.

# DWAR KTIEB TAGĦNA TAL-KNISJA

Fost it-tifkiriet tal-qedem, ftit, iżda għeżież, li jagħnu l-Mużew tal-*Aula Capitularis* tal-Birgu, jinsab f'rokna Ktieb tal-għana tal-Knisja, li kemm għall-qedem kemm għall-ħtieġa tiegħu, jistħoqqlu li wieħed igħarraf xi ħwejjeġ fuqu.

Dan il-Ktieb ġie mqiegħed fil-Mużew ma ilux, u sibtu jien, fil-ħin li kont qiegħed inqalleb sarbut kotba qodma mqattgħa u kkamlati, u żgur li kien isib ruħu kkundannat għal ġol-ħuġġieġa, bħal tant imsejknin vittmi oħra li kieku ma għaraftx mill-ewwel xi jsarraf.

Wieħed li ma jifhimx malli kien jiftħu u jara dawk in-noti mqaret *(romboidali)* jew bħal-lewża, b'sieq imwaħħla magħhom, aktarx donnhom sarbut tajr bid-denb bħal dawk li jagħmlu t-tfal, kien bla dubju ta' xejn, iwaddbu għall-ħruq. 'Ma kollox xortih. Tini xortija u ixħetni l-baħar. Dak li hu sew għall-bniedem, kull tant hu sewwa iktar għall-ħwejjeġ ta' bla dehen. Mela, dan il-Ktieb ġie meħlus mill-ħruq, u mqiegħed fost ħwejjeġ oħra qodma, biex jarġa' mill-ġdid jiżżejjen u jagħmel il-wirja tiegħu, għal dawk li jifhmu xi ftit fl-Arkeologia. Nidħlu mela fis-suġġett li ħabbartilkom fil-bidu, u nitħaddtu mill-iqsar fuq dan l-imbierek ta' "Ktieb tal-għana tal-Knisja"!

Dan il-Ktieb, huwa mill-ewlenin edizzjonijiet, stampati f'Ruma bir-rieda tal-Papa Ġulju III; fih ħames quddisiet ta' Ġanni Pierluigi ta' Palestrina, u jġib id-data: 1572, bit-tipi tal-"Eredi di Aloisio Dorici, li kienu jġibu bħala sinjal tat-Tipografia tagħhom: NULLA . EST . VIA . INVIA . VIRTUTI. Dan il-Ktieb fil-għamla tiegħu hu xi ftit ikbar mill-għamla, hekk imsejħa, "In Folio" u fih 200 paġna.

Fl-ewwel wiċċ tal-Ktieb, imnaqqxa u stampata bix-*xilo-tipija* (stampa fuq il-għuda) hemm ix-xbieha kollha kemm hi, bil-qegħda u mlibbsa *in pontificalibus* u bit-tre renju tal-Papa Ġulju III, fil-waqt li qiegħed ibierek u jieħu mn'idejn Wiġi minn Palestrina għarkobbtejh, il-Ktieb tal-Quddies, minn dan il-Kittieb, għadu kemm tlesta. Ma' dwar din l-in-ċiżjoni, hemm bosta disinji oħra ta' bixkla mitoloġika: bħal-Titani, Satiri, Pegasi, maskri, u bosta strumenti tal-Mużka: ċirimelli, flawtijiet ta' Pan, mandolini u ħwejjeġ oħra.